

32003D0644

12.9.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 228/29

## ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-8 ta' Settembru 2003

**li tistabbilixxi garanziji addizzjonali fir-rigward tas-salmonella għal konsenji lejn il-Finlandja u l-Isvezja ta' tjur tar-refgħa u flieles ta' jum biex jiġu introdotti ġo qatgħat ta' tjur tar-refgħa jew qatgħat ta' tjur produttivi**

(notifikata bid-dokument numru K(2003) 3190)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2003/644/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

- (4) Il-garanziji dettaljati jridu jiġu bbażati partikolarment fuq eżami mikrobijoloġiku tat-tjur li jkunu se jintbagħtu l-Finlandja u l-Isvezja.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

- (5) F'dan il-kuntest regoli differenti għandhom jiġu stabbiliti għal tjur tar-refgħa u flieles ta' jum.

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE tal-15 ta' Ottubru 1990 fuq il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju, u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, ta' tjur u bajd għat-tfaqqis<sup>(1)</sup>, l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 806/2003<sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9a(2) tiegħu,

- (6) Regoli għandhom jiġu stabbiliti għal dan l-eżami mikrobijoloġiku ta' kampjuni billi jiġi stabbilit il-metodu tat-teħid ta' kampjuni, in-numru ta' kampjuni li għandhom jittieħdu u l-metodi mikrobijoloġiċi għall-eżaminazzjoni tal-kampjuni.

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/160/KE tal-21 ta' April 1995 li tistabbilixxi garanziji addizzjonali fir-rigward tas-salmonella għal konsenji lejn il-Finlandja u l-Isvezja ta' tjur tar-refgħa u flieles ta' ġurnata għall-introduzzjoni f'qatgħat ta' tjur tar-refgħa jew qatgħat ta' tjur produttivi<sup>(3)</sup>, ġiet emendata sostanzjalment<sup>(4)</sup>. Fl-interess ta' ċarezza u razzjonalità id-Deċiżjoni msemmija hawn fuq għandha tiġi kodifikata.

- (7) Dawn il-garanziji m'għandhomx japplikaw għal kull qatgħa li tkun suġġetta għal programm rikonoxxut bħala ekwivalenti għal dak implimentat mill-Finlandja u l-Isvezja.

- (2) Il-Kummissjoni approvat il-programmi operazzjonali sottomessi mill-Finlandja u l-Isvezja fir-rigward ta' kontrolli fuq is-salmonella. Dawn il-programmi jinkludu miżuri speċifiċi għal tjur tar-refgħa u għal flieles ta' jum għall-introduzzjoni f'qatgħat ta' tjur tar-refgħa jew qatgħat ta' tjur produttivi.

- (8) Fir-rigward ta' konsenji li joriġinaw minn pajjiżi terzi, il-Finlandja u l-Isvezja għandhom japplikaw ħtiġiet għall-importazzjoni stretti minn ta' l-anqas daqs dawk stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.

- (3) Garanziji għandhom jiġu stabbiliti ekwivalenti għal dawk implimentati mill-Finlandja u l-Isvezja fil-programmi operazzjonali tagħhom.

- (9) Il-metodi deskritti f'din id-Deċiżjoni iqisu l-opinjoni ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà ta' l-ikel.

<sup>(1)</sup> ĠU L 303, tal-31.10.90, p. 6.

<sup>(2)</sup> ĠU L 122, tas-16.05.03, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 105, tad-09.05.95, p. 20.

<sup>(4)</sup> Ara l-Anness IV.

- (10) Il-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina ta' l-ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Tjur tar-refgħa li jintbagħtu l-Finlandja u l-Isvezja għandu jsirilhom test mikrobijoloġiku, li jiġi effettwat bit-teħid ta' kampjuni mill-qatgħa ta' oriġini.

*Artikolu 2*

It-test mikrobijoloġiku riferit fl-Artikolu 1 għandu jsir kif stabbilit fl-Anness 1.

*Artikolu 3*

1. Tjur tar-refgħa li jintbagħtu l-Finlandja u l-Isvezja għandhom ikun akkumpanjati biċ-ċertifikat li jidher fl-Anness II.

2. Iċ-ċertifikat provdut fil-paragrafu wieħed jista':

- ikun akkumpanjat bil-mudell ta' ċertifikat 3 ta' l-Anness IV tad-Direttiva 90/539/KEE,
- jew ikun inkorporat fiċ-ċertifikat riferit fl-ewwel inċiż.

*Artikolu 4*

Flieles ta' jum li jintbagħtu l-Finlandja jew l-Isvezja għall-introduzzjoni f'qatgħat ta' tjur tar-refgħa jew qatgħat ta' tjur produttivi jridu jiġu minn bajd tat-tfaqqis minn tjur tar-refgħa li jkunu ġew issuġġettati għat-test provdut fl-Artikolu 2.

*Artikolu 5*

1. Flieles ta' jum li jintbagħtu l-Finlandja jew l-Isvezja għall-introduzzjoni f'qatgħat ta' tjur tar-refgħa jew qatgħat ta' tjur produttivi jrid ikun akkumpanjat b'ċertifikat kif muri fl-Anness III.

2. Iċ-ċertifikat provdut fil-paragrafu wieħed jista':

- jkun akkumpanjat bil-mudell ta' ċertifikat 2 li jidher fl-Anness IV tad-Direttiva 90/539/KEE,
- jew jiġi inkorporat fiċ-ċertifikat riferit fl-ewwel subparagrafu.

*Artikolu 6*

Il-garanziji addizzjonali provduti f'din id-Deċiżjoni m'għandhomx japplikaw għal qatgħat suġġetti għal programm rikonoxxut, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 32 tad-Direttiva 90/539/KEE, bħala ekwivalenti għal dak implimentat mill-Finlandja u l-Isvezja.

*Artikolu 7*

Deċiżjoni 95/160/KE hija abrogata.

Referenzi għad-Deċiżjoni abrogata għandhom jitqiesu bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness V.

*Artikolu 8*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-8 ta' Settembru 2003.

*Għall-Kummissjoni*

David BYRNE

*Membre tal-Kummissjoni*

*L-ANNEX I***1. Regoli Ġenerali**

Il-qatgħa ta' oriġini trid tiġi iżolata għal ħmistax il-jum.

It-test bijologiku irid ikopri s-serotipi kollha tas-salmonella.

**2. Il-metodu tat-teħid ta' kampjuni u n-numru ta' kampjuni li jridu jittieħdu**

Il-metodu tat-teħid ta' kampjuni jrid ikun kif stabbilit fl-Anness III, taqsima I, punt II A(2)(b) u (ċ) u punt II B tad-Direttiva tal-Kunsill 92/117/KEE <sup>(1)</sup>.

**3. Metodi mikrobijoloġiċi għall-eżaminazzjoni tal-kampjuni**

— It-testjar mikrobijoloġiku tal-kampjuni għas-salmonella għandu jsir skond l-istandard ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni ISO 6579:1993 jew edizzjonijiet riveduti, jew bil-metodu deskritt mill-Kumitat Nordiku għall-Analiżi ta' l-lkel (metodu NMKL Nru 71, ir-raba' edizzjoni, 1991) jew edizzjonijiet riveduti.

— Fejn ir-riżultati ta' l-analiżi jiġu kkontestati bejn Stati Membri l-istandard ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni ISO 6579:1993 jew edizzjonijiet riveduti għandhom jitqiesu bħala l-metodu ta' referenza.

---


<sup>(1)</sup> ĠU L 62, tal-15.03.93, p. 38.

## L-ANNESS II

## ĊERTIFIKAZZJONI

Jiena, hawn taħt iffirmit, veterinarju uffiċjali niċċertifika li t-tjur tar-refgħa ġew ittestjati b'riżultat negattiv skond ir-regoli stabbiliti bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/644/KE tat-8 ta' Settembru 2003 li tistabbilixxi garanziji addizzjonali fir-rigward tas-salmonella għal konsenji lejn il-Finlandja u l-Isvezja ta' tjur tar-refgħa u flieles ta' jum għall-introduzzjoni f'qatgħat ta' tjur tar-refgħa jew qatgħat ta' tjur produttivi.

Magħmula fi ....., (data) .....



.....  
(Firma tal-veterinarju uffiċjali) (!)

.....  
(Isem b'ittri kbar, kwalifiki, titolu)


(!) Timbru u firma b'kolor differenti minn ta' l-istampar.

## L-ANNEX III

## ĊERTIFIKAZZJONI

Jiena, hawn taħt iffirmat, veterinarju uffiċjali, niċċertifika li l-flieles ta' jum għall-introduzzjoni f'qatgħat ta' tjur tar-refgħa jew qatgħat ta' tjur produktivi ġejjin minn qatgħat li ġew ittestjati b'riżultat negattiv skond ir-regoli stabbiliti bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/644/KE tat-8 ta' Settembru 2003 li tistabbilixxi garanziji addizzjonali fir-rigward tas-salmonella għal konsenji lejn il-Finlandja u l-Isvezja ta' tjur tar-refgħa u flieles ta' jum għall-introduzzjoni f'qatgħat ta' tjur tar-refgħa jew qatgħat ta' tjur produktivi.

Magħmula fi ....., (data) .....



.....  
(Firma tal-veterinarju uffiċjali) (!)

.....  
(Isem b'ittri kbar, kwalifiki, titolu)

(!) Timbru u firma b'kulur differenti minn ta' l-istampar.

## L-ANNEX IV

**Id-Deċiżjoni abrogata u l-emenda tagħha**

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/160/KE (ĠU L 105, tad-9.5.1995, p. 40)

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/278/KE (ĠU L 110, tas-26.4.1997, p. 77)

L-Artikolu 1 biss

## L-ANNEX V

**TABELLA TA' KORRELAZZJONI**

Id-Deċiżjoni 95/160/KE	Din id-Deċiżjoni
L-Artikolu 1 sa 6	L-Artikolu 1 sa 6
L-Artikolu 7	—
—	L-Artikolu 7
L-Artikolu 8	L-Artikolu 8
L-Anness I	L-Anness I
L-Anness II	L-Anness II
L-Anness III	L-Anness III
—	L-Anness IV
—	L-Anness V